TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 149/11

**Anthony Piscopo**

**vs**

**Joseph Grech eżerċenti fil-kummerċ bħala GDA**

Illum 5 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' erba' mitt ewro (€400), rappreżentanti prezz ta' *stainless steel* tank li kien parti mis-sistema ta' *solar water heater* u li beda jissaddad.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *solar water heater* għal prezz ta' elf, mija u erbgħa u sittin ewro (€1,164) mingħand id-ditta intimata u wara ftit żmien it-tank ta' l-i*stainless steel* beda jissaddad minn barra u għalhekk ried li jkollu tank ġdid.

L-intimat issottometta illi dan it-tank huwa normali li jissaddad u b'ċertu polish jerġa' jiġi lura kif fil-fatt ġara. Pero' wara li sar il-*polish* reġa' ħareġ is-sadid.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li jekk dan it-tank tal-i*stainless steel* hu galvanizzat m'għandux joħroġ is-sadid għalkemm mhu qed jagħmel l-ebda ħsara lis-sistema tas-*solar water heater*.

It-Tribunal, pero' jħoss li la xtara tank li huwa galvanizzat, dan m'għandux joħroġ is-sadid u lanqas minn barra.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**